**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 098/2017**

**NM u SM (l-ilmentaturi)**

**vs**

***All Invest Company Ltd.*** **(C 22239)**

**(il-provditur tas-servizz)**

**Seduta tat-18 ta' Settembru 2018**

**L-Arbitru**

**Ra l-ilment** fejn essenzjalment l-ilmentaturi jissottomettu illi a bazi tal-pariri li inghataw mill-provditur tas-servizz investew is-somma ta' €5,000 fl-*LM Managed Performance Fund (LMMPF)* ghal perjodu ta' tliet snin u li kien sar f'Ottubru 2010.

Fuq talba tal-provditur tas-servizz saret laqgha fit-23 ta' Novembru 2010, fid-dar taghhom u Wallace Falzon, ghall-provditur tas-servizz, qalilhom li dan kien investiment ma' kumpanija kbira fl-Awstralja u li kellha proprjetajiet kbar u li kien qed ihallas imghax tajjeb ta' 8%; u li ma kienx hemm riskji ghaliex din il-kumpanija kellha l-proprjetà li taghmel tajjeb.

Huma ma inghatawx kopja tad-dokumenti li intqal lilhom biex jiffirmaw.

F'Marzu 2013, l-ilmentatrici semghet li l-investiment kellu l-inkwiet u f'Settembru saru jafu li l-investiment kien falla ghal kollox.

Illi ma sarx *suitability test* kif kellu jsir.

Fid-29 ta' Lulju 2013, ghamlu protest gudizzjarju flimkien ma' individwi ohra kontra l-provditur tas-servizz ghal liema protest gudizzjarju il-provditur tas-servizz wiegeb b'kontro-protest.

Illi l-ilmentaturi ma kellhomx dik l-esperjenza u taghrif necessarju biex jinvestu f'dan il-prodott.

Illi l-provditur tas-servizz ma agixxiex fl-ahjar interessi tal-klijenti tieghu kif mitlub mir-regim obbligatorju u kiser l-obbligi kuntrattwali u fiducjarji tieghu lejhom skont l-Artikoli 1124A u 1124B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi lanqas ma mexa b'mod gust, ekwu u ragonevoli: fil-process tal-bejgh meta ta parir biex jinvestu f'investimenti kumplessi u ta' riskju gholi li ma kienux *suitable* jew *appropriate* ghac-cirkostanzi personali u attitudni tar-riskju taghhom; b'nuqqas ta' *buona fede* approfitta ruhu minn nuqqas ta' taghrif u esperjenza tar-rikorrenti u hadilhom il-firem fuq *standard pre-printed contract forms,* li l-ilmentaturi bl-ebda mod ma innegozjaw jew ippartecipaw fil-formolazzjoni taghhom, u xi dikjarazzjonijiet li ffirmaw ghalihom kienu bil-kontra ta' dak li l-provditur tas-servizz kien tahom l-intendere li kienu u liema klawsoli kienu intenzjonati biex jaghtu protezzjoni lill-provditur tas-servizz kontra l-*misselling* li kien qed jaghmel.

Illi zamm mistur mill-ilmentaturi ir-riskji li jgorru investimenti fil-proprjetà.

Illi agixxa b'nuqqas ta' hila, u bi traskuragni fit-twettiq tal-inkariku kontrattwali tieghu u ma adempixxiex ruhu mal-obbligi kuntrattwali u l-istess agir jikkostitwixxi *investment misselling.* Ghalhekk ma mexiex b'mod gust, ekwu u ragonevoli.

Illi l-provditur tas-servizz m'ghamilx *due diligence* serju tal-prodott.

Illi minhabba l-agir tal-provditur digà imsemmi l-ilmentaturi ghamlu telf u, ghalhekk, hemm ness bejn l-agir tal-provditur tas-servizz u t-telf li garrbu.

Illi dan il-kaz huwa ibbazat fuq htija kuntrattwali u mhix azzjoni la akwiljana u lanqas rixxessorja.

Qed jitolbu li l-Arbitru jirrintegrahom fil-pozizzjoni originali taghhom precedenti ghall-investiment fl-*LMMPF* billi jigi restitwit il-kapital investit ta' €5,000 a tenur tal-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili dwar danni f'kaz ta' inadempjenza kuntrattwali.

Bl-imghaxijiet.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li essenzjalment tghid:**

1. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet ohrajn, in kwantu illi nonostante t-talbiet fl-ilment, il-mertu tal-ilment proprju huwa dikjarat li huwa L-*LM Australia Management Performance Fund* ghal terminu ta' tliet snin fl-ammont ta' €5,000 u li sar fis-17 ta' Dicembru 2010;

   Ghalhekk jigi eccepit illi l-esponenti ma hiex il-legittimu kontradittur tal-ilmentaturi u l-eccepjenti m'ghandha ebda kontroll u lanqas ma tiggestixxi hija l-investimenti *de quo* peress illi *All Invest Co. Ltd.* hija biss intermedjarju, u ghaldaqstant ma tistax tinzamm responsabbli ghal kwalunkwe telf ta' investimenti li setghu ingarrbu;

2. Illi l-ilmentaturi kienu konsapevoli li fl-investimenti hemm ir-riskji, liema riskji necessarjament jirreferu ghal telf possibbli ta' kapital, u ghandu jerfa' r-responsabilitajiet taghhom *qua investiture* billi jerfghu huma l-piz tat-telf allegatament subit, liema telf ghad irid jigi pruvat sal-grad rikjest mil-ligi;

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi preliminarjament, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni odjerna hija perenta ai termini tal-Artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, in kwantu jidher illi l-ilment odjern jittratta allegazzjoni li l-kunsens tal-ilmentaturi ittiehed b'qerq jew li ma kienux informati bin-natura u riskji tal-investimenti b'tali mod li kieku ma kienux jidhlu ghalihom;

5. Illi hemm kunflitt lampanti, u inkompatibilità bejn l-ilment dwar it-telf effettiv tal-kapital u t-talbiet fl-ilment – l-ilment proprju jirrigwarda t-telf materjali tal-kapital, mentri t-talbiet jirrigwardjaw nuqqasijiet regolatorji li r-rimedju ghalihom mhux necessarjament jinkludi, jew ghandu jinkludi hlas tal-kapital mitluf izda izjed, min-natura ta' dawk l-allegazzjonijiet jgorru maghhom sanzjonijiet diversi u izjed approprjati taht l-Artikolu 26

tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta – u għaldaqstant it-talbiet tal-ilmentaturi m'għandhomx jintlaqgħu;

6. Illi ai fini tat-tieni talba (2) u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, s-soċjetà intimata mhijiex responsabbli għal ebda telf jew dannu li seta' ġie soffert mill-ilmentaturi la minħabba nuqqas li tħares l-aħjar interess tal-klijenti tagħha, la minħabba nuqqas li tadempixxi l-obbligi legali tagħha (inkluż kwalsiasi obbligi regolatorji u/jew kuntrattwali u/jew fiduċjarji li seta' kellha) fil-konfront tal-istess ilmentaturi, minħabba xi komportament ieħor kif allegat mill-ilmentaturi. Ma hux minnu li l-eċċepjenti ma aġixxietx sew, jew aġixxiet bi ksur ta' xi obbligi inkluż dawk kontrattwali fil-konfront tal-ilmentaturi u l-eċċepjenti tiċħad firmament l-allegazzjonijiet illi l-aġir tagħha jikkostitwixxi '*negligenza grossolana*, *culpa lata u recklessness*' u li hija ħatja ta' *investment misselling* u, għaldaqstant, m'għandhiex tinsab responsabbli għal ebda danni fil-konfront tagħha;

7. Illi ai fini tat-tielet (3) talba u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra s-soċjetà esponenti mhix responsabbli għal ebda kumpens tal-kapital oriġinali investit għar-raġunijiet spjegati f'din ir-risposta;

8. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet l-oħra, t-talba tal-ilmentaturi għall-imgħaxijiet fir-raba' (4) tal-ilment hija legalment insostenibbli; illi fl-2008 u fis-snin sussegwenti d-dinja għaddiet mill-akbar kriżi fis-swieq finanzjarji mis-snin 1930 'l hawn. Għalhekk tenut kont tal-andament tas-swieq finanzjarji fiż-żmien in kwistjoni, l-ilmentaturi ma jistgħux jassumu, *con il senno del poi*, illi kieku investew flushom f'investimenti oħrajn il-kapitali tagħhom kienu ser jibqgħu sħaħ u/jew li kienu ser jagħmlu dħul jew tkabbir kapitali matul il-perjodu tal-investiment tagħhom kif qed jippretendu fl-ilment tagħhom;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

**Ra x-xhieda tal-provditur tas-servizz**

**Ra li l-provditur tas-servizz għamel ir-risposta iżda ma ressaq l-ebda xhieda.**

**Ra l-atti kollha tal-kaz.**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet Preliminari**

Fl-ewwel eccezzjoni l-provditur tas-servizz jghid li huwa mhuwiex responsabbli ghax agixxa biss bhala intermedjarju u ma kellu l-ebda kontroll u ma ggestiex l-investimenti hu. Jghid ukoll li ghalhekk m'huwiex il-legittimu kontradittur.

Però, l-Arbitru jinnota li l-ilment jirrigwardja l-imgiba tal-provditur tas-servizz fil-bejgh tal-prodotti u mhux qed jigi allegat li hu iggestixxa il-prodotti b'mod hazin. L-ilmentaturi qed ifittxu lill-provditur tas-servizz li kien *Licence Holder* tal-*MFSA* u, ghalhekk, kien obbligat li jimxi mar-Regolamenti[1] li harget l-istess *MFSA*, li jagixxi in *buona fede* u josserva l-obbligi kuntrattwali li dahal ghalihom meta ta pariri u biegh il-prodotti li l-ilmentaturi qed jaghmlu ilment dwarhom. F'dan il-kuntest il-provditur huwa l-principal u mhux intermedjarju. Il-kelma *'intermedjarja'* intuzat fis-sens ekonomiku taghha imma l-provditur tas-servizz kien qed jaghti servizz ta' parir u investiment fil-qasam tas-servizzi finananzjarji u jekk naqas mill-obbligi tieghu irid iwiegeb ghal dan.

Fl-ebda mument ma l-provditur ressaq xi prova li hu kien qal lill-ilmentaturi li hu kien qed jagixxi f'isem haddiehor u li ma kienx ser jassumi r-responsabbiltà. Anke kieku ghamel hekk, xorta wahda bhala *Licence Holder* mill-*MFSA*, u wkoll bhala '*provditur tas-servizz'* kif definit fl-Art. 2 tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, kull provditur tas-servizz li jaghti servizz f'dan il-qasam irid iwiegeb ghal ghemilu u kull klijent ta' dan is-servizz ghandu l-jedd li jressaq l-ilment quddiem l-Arbitru u jitlob kumpens minghandu. M'hemmx dubju li l-provditur tas-servizz huwa wkoll legittimu kontradittur ghaliex kien hemm relazzjoni guridika bejnu u l-ilmentaturi meta tahom parir u bieghilhom il-prodott in kwistjoni kif anke jirrizulta mill-*Purchase Contract Note,*[2] mill-ircevuti u mill-*interest advice* mahruga f'isem *All Invest Co. Ltd.*

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

---

[1] *Investment Services Rules for Investment Services Providers: Part B: Standard Licence Conditions (SLC)*

[2] A Fol 59

**Eccezzjonijiet dwar Preskrizzjoni:**

Il-provditur tas-servizz qed jecepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 1222(1) u 2153 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1222(1) huwa bazikament immirat meta ssir azzjoni ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjoni.

Dwar il-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili, il-ligi tipprovdi li:

*'L-azzjoni ghal rexxissjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, stat ta' interdizzjoni, jew nuqqas ta' età, taqa' bil-preskrizzjoni eghluq sentejn (2.) Dan jghodd ukoll ghar-rexxissjoni ta' obbligazzjonijiet minghajr kawza, jew maghmulin fuq kawza falza".*

Din il-preskrizzjoni ma tapplikax ghal dan il-kaz ghaliex mhix tintalab rexxissjoni ta' obbligazzjoni u, ghalhekk, qed tigi michuda.

L-eccezzjoni l-ohra hija bbazata fuq il-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2153 tal-Kap. 16.

Il-Qrati taghna irritenew li din il-preskrizzjoni tapplika biss fejn hemm htija akwiljana indipendenti mit-twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali:

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet ***'Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze',***[3] il-Qorti spjegat:

*'Illi ghall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-ligi taghraf tliet ghamliet ta' azzjoni ghad-danni, u jigifieri: (a) azzjoni dwar hsarat imnissla minn ghamil li jikkostitwixxi reat, f'liema kaz, iz-zmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-ligi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni ghall-hsarat imnisslin minn delitt jew kwazi-delitt (l-hekk imsejha culpa aquiliana), f'liema kaz il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (principju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili); u (c) azzjoni ghall-hsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema kaz il-preskrizzjoni hija dik ta' hames (5) snin …….*

[3] Deciza fid-19 ta' Mejju 2005

*Illi l-fattur li jsejjes il-htija akwiljana (jew dik li titnissel barra r-rabta kuntrattwali) huwa dak li l-persuna hija obbligata li, f'ghamilha, ma tikkawzax hsara jew dannu lil haddiehor taht il-principju tan-neminem laedere……….*

*Illi huwa maghruf ukoll li mhux kull hsara li tiggarrab waqt jew minhabba l-mod kif ikun twettaq kuntratt twassal ghall-htija kuntrattwali. Jista' jkun li nuqqas jaghti lok xorta wahda ghal htija akwiljana, minkejja li jkun sehh waqt u bis-sahha ta' rabta kuntrattwali.*

*Ghalhekk, biex hsara mgarrba waqt it-twettiq ta' kuntratt titqies li hija akwiljana u mhux kuntrattwali,* ***jehtieg jintwera li tali hsara ma jkollha x'taqsam xejn mar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn il-partijiet.***[4]

*Illi, ghalhekk, il-preskrizzjoni ta' sentejn imsemmija fl-artikolu 2153 tal-Kodici Civili, minbarra li ma tapplikax ghall-hsara mahluqa minn ghamil li jikkostitwixxi reat, lanqas ma tapplika fejn l-allegata hsara titnissel minn ksur ta' patt kuntrattwali jew obbligazzjoni li tixbahha.'*

Fil-kaz odjern il-provditur tas-servizz biegh prodott finanzjarju u dahal f'rabta kuntrattwali mal-ilmentaturi kif jirrizulta l-*Purchase Contract Note*[5] u dokumenti ohra bhall-ircevuta u l-*interest advice*, liema kuntratt huwa ta' natura specjali peress li min bieghu, huwa *Licence Holder* tal-*MFSA* u, ghalhekk, japplikaw ghalih regolamenti specjali kif ser jintqal aktar 'il quddiem f'din id-decizjoni.

Kif gie deciz recentement mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili[6] ghal kazi bhal dak odjern ma tistax tapplika l-preskrizzjoni ibbazata fuq *culpa aquliana* imma tapplika l-preskrizzjoni fejn hemm tnissil minn obbligazzjoni kuntrattwali jew kif iddecidiet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili[7] '*wahda li tixbahha*'.

Barra minn hekk, ma ngabet l-ebda prova mill-provditur tas-servizz dwar din l-eccezzjoni kif ghandu jaghmel min jaghti eccezzjoni bhal din ta' preskrizzjoni li l-intenzjoni tkun li twaqqaf il-kaz.

L-eccezzjonijiet dwar preskrizzjoni qed jigu michuda.

---

[4] *Bold* tal-Arbitru
[5] A fol 59
[6] *Roland Darmanin Kissaun vs GlobalCapital Financial Management Ltd.,* PA, 1/06/2017
[7] '*Improved Design Limited vs Dr. Michael Gialanze'*,[7] deciza fid-19 ta' Mejju 2005

Il-hames eccezzjoni tghid li l-ilmentaturi ressqu ilment kontradittorju bejn it-talbiet u r-rimedju mitlub. L-Arbitru ma jsib xejn inkompatibbli jew kontradittorju fl-ilment ghaliex l-ilmentaturi qed jghidu li l-provditur tas-servizz naqashom b'mod li tilfu flushom u qed iffitxu rimedju kumpensattiv minghand l-Arbitru. M'hemm xejn hazin f'dan ghaliex il-Kap. 555 jipprovdi, b'mod specifiku taht l-Artikolu 26, li jekk l-ilment jirrizulta *in parte* jew *in toto*, l-Arbitru jista' jaghti rimedju kumpensattiv. U hekk qed jitolbu l-ilmentaturi.

L-eccezzjonijiet l-ohra ser jitqiesu kollha f'daqqa taht il-konsiderazzjoni tal-mertu f'din id-decizjoni.

**FIL-MERTU**

**L-Arbitru jrid iqis l-ilment b'referenza ghal dak li fil-fehma tieghu huwa gust, ekwu u ragonevoli fic-cirkostanzi partikolari u merti sostantivi tal-kaz.[8]**

Ghal dawk li huma fatti tal-kaz, l-Arbitru ghandu quddiemu biss il-verzjoni tal-ilmentaturi. Apparti r-risposta tieghu, il-provditur tas-servizz la ressaq provi orali u lanqas ipprezenta dokumenti biex jissostanzja d-difiza tieghu. Imma huwa qed jikkontesta l-kaz limitatament ghar-risposta li ressaq.

L-Arbitru xorta wahda jrid jara jekk dak li qalu l-ilmentaturi jwassluhx ghall-konvinciment morali li huma ghandhom ragun u li t-telf sehh minhabba xi htija tal-provditur tas-servizz.

**Il-Verzjoni tal-Ilmentaturi:**

Ix-xhud principali huwa NM li xehed[9] li huwa twieled fl-1948, mar biss skola primarja sa l-età obbligatorja ta' erbatax-il sena u ghalkemm jaf jaqra bil-Malti, bl-Ingliz kwazi ma jaf xejn. Apparti xoghol XXX kien iqieghed il-madum. Huwa kellu xi investimenti zghar maghmulin fuq parir tal-*Bank of Valletta.* Sa mill-

[8] Kap. 555, Art 19(3)(b)
[9] A Fol 332 et seq

2008, Wallace Falzon kien imur ghandhom ibieghilhom poloz tal-assikurazzjoni fuq il-hajja tal-*MSV.*

Wallace Falzon kien tahom parir icedu wahda minn dawn il-poloz u jinvestu xi flus fi prodott jismu *ARM* li kien falla u hadu flushom lura.

Fl-2010, xi hadd mill-ufficcju tal-*All Invest* kien cemplilhom biex imur ikellimhom Wallace Falzon, u saret laqgha fid-dar taghhom fit-23 ta' Novembru 2010. Qalilhom li *LMMPF* kien ta' kumpanija Awstraljana kbira li kellha hafna bini u dan l-investiment kien irendi bit-8%.

Qalilhom li f'dan il-prodott ma kienx hemm riskji ghaliex il-kumpanija kellha l-proprjetà li taghmel tajjeb. Tant qalilhom li kien tajjeb dan il-prodott li anke hu kien investa fih. Fl-2010, ix-xhud kellu 62 sena u, ghalhekk, qalu lil Falzon li riedu xi haga fejn il-kapital ikun protett ghaliex hu kien digà pensjonant u ried xi dhul biex izidu mal-pensjoni.

L-investiment sar dakinhar stess li ltaqghu ma' Wallace Falzon, li tahom biss l-ircevuta. Tawh is-somma ta'€5,000, li kienu d-dar fi flus kontanti. F'Marzu 2013, il-mara semghet li dan il-prodott kellu l-problemi, cemplu lill-*All Invest* li kkonfermaw dan u sitt xhur wara gie mhabbar li dan l-investiment kien falla.

Huma qatt ma inghataw xi spjegazzjoni imqar bil-fomm li kien hemm xi qligh minn dan l-investiment. Mhux minnu li kienu ircevew xi spjega tar-riskji tal-*LMMPF*. Qalilhom biss it-tajjeb, jigifieri l-imghax. Mhux minnu kif hemm fid-dokumenti, li huma qalu lil Wallace Falzon li ma ridux id-dokumenti li ffirmaw; u ma rcevew l-ebda *Prospectus* jew *Latest Annual Report* kif hemm dikjarat fid-dokumenti.

Huma iffirmaw il-karti ghaliex ma hasbux hazin f'Wallace Falzon; anzi kellhom fiducja fih. Il-karti li ffirmaw kienu bl-Ingliz u ma setghux jifhmu x'hemm miktub. Ma qalilhomx x'kien fihom jew tahom spjega taghhom.

SM, l-ilmentatrici, ikkonfermat il-kontenut tal-*affidavit* tar-ragel taghha.[10]

Il-provditur tas-servizz ma gab l-ebda xhieda u ma pprezenta l-ebda dokument ghajr ir-risposta tieghu.

---

[10] A fol 334

Ghalhekk il-verzjoni tal-ilmentaturi ma gietx kontradetta u l-Arbitru m'ghandu l-ebda raguni biex ma jemminx ix-xhieda taghhom

**Analizi tal-Prodott *LM Managed Performance Fund (LMMPF)***

L-*LMMPF* huwa fond stabbilit fl-2001, li kien operat minn *Manager* regolat l-Awstralja izda l-fond ma kienx regolat. Il-fond huwa sospiz, u fi Frar 2014,[11] hargu ordnijiet biex il-fond jigi likwidat.

Il-fond seta' jinvesti f'self kummercjali[12] ghal xiri jew zviluppar ta' proprjetà fis-settur immobbiljari Awstraljan, direttament go proprjetà immobbli u flus kontanti, fost ohrajn. L-assi tal-*fund* kienu fl-Awstralja stess.[13] Il-*Manager* tal-fond kellu *mandate* ta' investiment wiesa' u bla ebda restrizzjonijiet, u seta' jiehu pozizzjonijiet jew jaghmel tranzazzjonijiet ma' partijiet relatati.

Sa dakinhar tal-investiment, l-*LMMPF* kien hareg diversi dokumenti u *Updates* dwar l-andament tal-fond li kienu juru li dan il-prodott kien digà ghandu certi problemi ta' likwidità.

It-taqsima li titkellem dwar ir-riskju fl-*Information Memorandum* tal-*LMMPF* tghid, fost affarijiet ohra, **li investitur li jfittex livell ta' certezza u kontroll fuq kif l-assi huma investiti m'ghandux jinvesti fil-fond**. Hemm imsemmi wkoll ir-riskju li l-*Manager* jista' jippartecipa f'investimenti inqas konvenzjonali jekk tinqala' l-opportunità kif ukoll riskji ohra bhal li l-kapital mhux garantit, fuq il-varjazzjoni tal-valur kif ukoll riskji assocjati mas-suq ta' proprjetà immobbli u self mahrug mill-fond.

Fir-rigward ta' min seta' jinvesti fil-fond, pagna 4 tas-*Summary Flyer* tal-*LMMPF* datata Settembru 2010 tghid hekk:

---

[11] http://www.asic.gov.au/about-asic/media-centre/key-matters/lm-investment-management-limited/

[12] Fuq is-self kummercjali tal-fond, li kien jikkostitwixxi l-maggoranza assoluta tal-investimenti tal-fond, hemm miktub li s-self kummercjali jinkludi firxa ta' "*secured commercial loans*" li huma disponibbli ghas-settur kummercjali ta' proprjetà u zvilupp Awstraljan. Jinkludi dikjarazzjoni wkoll li l-portafoll ta' self jinkludi "*mortgages, including second ranking mortgages over commercial, residential, retail, industrial and vacant land*".

[13] **Kemm fl-*Information Memorandum* tas-sena 2009 u dak tas-sena 2011, tinghata indikazzjoni tal-kompozizzjoni tal-assi tal-fond. Ftit aktar minn 90% tal-assi tal-fond kien f'self kummercjali. L-akbar *loan* kienet tikkostitwixxi ftit aktar minn 40% tal-fond.**

***"Non-Australian resident investors and Australian resident investors can invest directly as personal investors. Australian resident investors must be 'wholesale' or 'sophisticated' investors".***

L-*Information Memorandum* ta' dan il-fond jamplifika dak li jgħid is-*Summary Flyer*. Kemm investituri fl-Awstralja kif ukoll investituri minn barra l-Awstralja setgħu jinvestu fil-fond. Però, bħala kategorija ta' investituri, l-investituri fl-Awstralja kellhom ikunu "*wholesale"* jew "*sophisticated*".

Din il-klassifikazzjoni ma tidhirx li kienet obbligatorja għall-investituri li ġejjin minn barra l-Awstralja peress li l-*Information Memorandum* jagħmel referenza speċifika għal *"wholesale"* u *"sophisticated investors"* f'kaz ta' "*Australian resident investors*" biss. Dan il-punt huwa msaħħaħ iżjed meta wieħed jikkonsidra l-i*statement* magħmul f'dan ir-rigward fis-*Summary Flyer*.

Sa mis-sena 2009, dan il-prodott beda jkollu l-inkwiet. Tant li fil-verzjoni tal-*Information Memorandum* ta' Novembru 2009, taħt it-Taqsima "*Withdrawal Notice Period"* (pg. 11) jintqal kif ġej:

***"To protect all fund investments, payment of withdrawals is currently slowed and is being managed over longer timeframes, as determined necessary by the Manager."***

Fil-*Portfolio Update* tal-31 ta' Lulju 2010, **ftit xhur qabel ma nbiegħ l-investiment fl-*LMMPF*** lill-ilmentaturi, kien hemm aġġornament fir-rigward tal-andament tal-portfoll tal-assi tal-fond, kif ukoll anke fil-*withdrawal timeframes*.

F'dan l-*Update* hemm paragrafu taħt it-titlu "*Updated Withdrawal Information*". Hawnhekk, l-investitur qed jiġi infurmat li jista' jagħti l-kaz li minn żmien għal żmien, jista' jkun neċessarju li jiġu estiżi t-*timeframes* għal ħruġ ta' pagamenti għal gbid jew sospensjoni ta' pagamenti għal gbid.

a. Dan il-mekkanizmu jidħol fis-seħħ *"...to realise cash from the fund's property related assets, which by their nature are not immediately liquid ...".*

   Il-paragrafu jkompli hekk:

   *"The need to implement this measure to protect the fund <u>arose for the first time last year</u>, as per the Information Memorandum. <u>Timeframes for</u>*

*withdrawal payments are currently slower than general, due to market conditions brought on by the global financial crisis. Liquidity conditions are improving in the market place and payment timeframes will return to normal as soon as possible.*"

b. Dan id-dettall (jigifieri li l-fond jista' jissospendi il-hlasijiet) kien digà jissemma fl-*Information Memorandum* datat **25 ta' Novembru 2009.**[14]

c. Taht it-taqsima *Fund Assets*, jinghata taghrif dwar l-andament tal-assi tal-fond. Jintqal li tliet *commercial loans* mill-portafoll tal-assi tal-fond gew klassifikati bhala *in default*. Dawn jirrapprezentaw madwar 16% tal-assi tal-fond izda kien hemm referenza li huwa mistenni li jsir irkupru shih ta' dan id-dejn.

Wiehed irid dejjem joqghod attent meta jiddiskuti u janalizza prodott wara li jkun falla. Dan ghaliex huwa facli li tghid l-affarijiet *with the benefit of hindsight*.

L-*LMMPF* izda kien fond ta' proprjetà fejn kien juza strutturi ta' *loans*. Anke jekk wiehed, ghal mument, jinsa fejn kien intenzjonat jinvesti dan il-fond (fl-Awstralja) u l-istruttura legali ta' kif twaqqaf (fond mhux registrat fl-Awstralja), hemm l-aspett li dan il-fond kien wiehed partikolari fil-forma ta' *property loan fund***.** L-assi tal-*LMMPF* kienu mqassmin hekk f'Lulju 2010: 90.64% f'self kummercjali, 2.32% direttament fi proprjetà u 7.04% f'kontanti.

**Hemm diversi riskji li generalment huma assocjati ma' fondi bhal dawn. Anke jekk wiehed ma joqghodx jidhol fid-dettall tar-riskji kollha assocjati ma' dawn it-tipi ta' fondi, ir-riskju ta' likwidità u potenzjal ta' *default* fuq is-self huma aspetti prevalenti hafna**.

Aspetti bhal dawn kellhom jinghataw certu priorità u kunsiderazzjoni ragonevoli fl-assessjar tal-prodott mill-provditur tas-servizz fejn wiehed jistenna li l-provditur tas-servizz jidhol f'certu approfondiment inkluz tal-fatturi msemmija fl-assessjar tal-prodott biex ikun jista' jaghmel analizi ahjar u kompluta fuq il-prodott li ha jbiegh lill-investitur.

Il-fatt li fir-rigward ghall-investituri Awstraljani kien hemm obbligi u certifikazzjoni ta' eligibilità oneruza huwa wkoll minnu innifsu indikazzjoni li dan

[14] (https://promo-manager.server-secure.com/download/files/02045/150233/MPF+IM.pdf)

kien fond partikolari, meta wiehed ukoll jikkonsidra li dan kien fond ibbazat l-Awstralja, immanigjat minn entità bbazata fl-Awstralja u li ma kienx regolat mill-Awtorità Finanzjarja tal-Awstralja, l-*ASIC*.

Fir-rigward ta' investituri Awstraljani, il-kriterji ta' eligibilità oneruzi li gew applikati kienu, tista' tghid mizura ta' protezzjoni ghall-investituri Awstraljani (li tidher li tohrog mill-qafas legali Awstraljan innifsu), fejn mhux kull tip ta' investitur seta' jinvesti, izda dawk biss li kienu jissodisfaw dawk il-kriterji oneruzi. Kriterji, li skont l-*Information Memorandum* u *s-Summary Flyer* imsemmija hawn fuq, ma kienux rikjesti fir-rigward ta' investituri barra l-Awstralja fejn il-fond sar prattikament accessibbli ghal firxa hafna izjed wiesgha ta' investituri.

**Dan kellu jghabbi b'aktar responsabbiltà lill-provdituri tas-servizzi lokali li huma mistennija li mhux biss joqghodu fuq accertazzjonijiet ta' min kellu interess li jbiegh il-prodott barra l-Awstralja.**

Il-fond kien wiehed u mhux maqsum fi tnejn, parti ghall-investituri Awstraljani, u iehor ghall-investituri barra l-Awstralja. **L-istess fond kien offrut lil kulhadd** izda b'distinzjonijiet differenti ta' min hu eligibbli li jinvesti skont jekk l-investituri humiex Awstraljani jew le.

Mela jekk ghall-investituri Awstraljani l-obbligi kienu oneruzi, wiehed ragonevolment jistenna li l-provditur tas-servizz lokali kellu jiehu dan il-fattur partikolari izjed in konsiderazzjoni. Fl-analizi tieghu dwar il-prodott u lil min kellu joffrih, huwa ikkunsidrat li kellu jzomm quddiem ghajnejh il-kriterji ta' eligibilità gholja ghall-investituri gewwa l-Awstralja, biex investitur barra l-Awstralja jigi ittrattat kemm jista' jkun b'mod ekwu u offrut l-istess, jew livell simili ta' protezzjoni applikat fir-rigward tal-investituri Awstraljani.

Dan il-prodott huwa meqjus bhala prodott kumpless. L-*LMMPF* huwa tat-tip *non-UCITS.* Skont ir-regoli tal-*MiFID*, (kif anki riflessi fir-Regoli mahruga mill-*MFSA, PART B* tal-*Investment Services Rules for Investment Services Providers),*[15] biex prodott jigi ikkunsidrat bhala mhux ta' natura kumplessa kellu jilhaq erba' principji f'daqqa, kriterju li mhux milhuq mill-prodott in kwistjoni. Il-prodott kellu riskji diversi li jaghmluh prodott ta' riskju gholi kif digà spjegat aktar 'il fuq.

[15] Li kienu japplikaw meta nbiegh il-prodott in kwistjoni.

Fuq kollox, mill-*Updates* li kienu digà hargu, kemm fl-2009 kif ukoll fl-2010, kien jidher car li *LMMPF* kellu problemi serji, u li kieku saret *due diligence* adekwata mill-provditur tas-servizz, kellu ragonevolment jirrizulta li ma kellux ibiegh dan il-prodott lill-investituri *retail* kif kienu l-Ilmentaturi.

**Jekk l-*LMMPF* kienx addattat *(suitable/appropriate)* ghall-Ilmentaturi**

Mill-provi li ghandu l-Arbitru jirrizulta li l-ilmentatur kien bniedem ta' ftit skola, jaghmel xoghol manwali u kien fl-età ta' 62 sena u bil-pensjoni; u martu kienet hadmet go fabbrika u l-istess hija tal-livell ta' edukazzjoni primarja.

Ghalhekk ma jistax jifhem kif il-provditur tas-servizz issuggerielhom prodott li fl-Awstralja kien intenzjonat ghal '*sophisticated and experienced investors*'. Lanqas ma jirrizulta lill-Arbitru li l-ilmentaturi kienu xi nies ta' esperjenza fl-investimenti it-tip tal-*LMMPF* ghaliex l-uniku investiment li kien qalilhom bih il-provditur tas-servizz stess kien l-*ARM* u qaghdu fuq il-pariri ta' Wallace Falzon stess meta investew fih.

Kif digà ntqal fl-analizi tal-prodott, dan ma kienx investiment li kellu jinbiegh lil *retail clients* bhall-ilmentaturi.

Barra minn hekk, l-ilmentatur xehed li l-iskop tieghu kien biss li tal-età tal-pensjoni tieghu ma riedx jissogra flusu u nvesta biss ghaliex il-provditur tas-servizz serrahlu rasu li dan kien investiment fis-sod ma' kumpanija li kellha hafna proprjetà fl-Awstralja. Fl-ebda mument ma spjegalhom ir-riskji inerenti f'dan il-prodott.

L-ewwel prijorità ghall-ilmentaturi kien l-ippreservar tal-kapital.

Dwar id-dokumenti li ffirmaw, dan ghamluh f'sens ta' fiducja assoluta li kellhom fir-rapprezentant tal-provditur tas-servizz li kien ilhom jafuh ghaliex kien bieghilhom *life policies* meta kien jahdem ghall-*MSV.* U la darba l-ilmentaturi taw il-fiducja lill-provditur tas-servizz, ma kellhomx b'mod ragonevoli ma jistennewx li dik il-fiducja tintradd lura lilhom billi ssir tranzazzjoni onesta fejn flushom ma jkunux qed jigu ssugrati bla bzonn - haga li insistew li ma kellhiex issir.

Il-ligi tghabbi b'responsabbiltà kbira lill-provditur tas-servizz li qabel jinvesti flus in-nies, irid jaghmel ***suitability* jew *appropriate test***[16] lill-investituri prospettivi, u jekk ma jghaddux minn dawn it-*tests*, m'ghandux isir l-investiment.

Kieku sar dan it-*test* b'serjetà u b'kuxjenza, kien jirrizulta li l-*LMMPF* ma kellux jinbiegh lill-ilmentaturi li ma setghux jifhmu n-natura kumplessa tieghu ghaliex, fuq kollox, xehdu li ma gewx spjegati lilhom il-karatteristici tal-prodott u l-element ta' riskju li kien igorr mieghu. U, fuq kollox, inghataw l-impressjoni li l-kapital kien garantit.

Jirrizulta wkoll li l-provditur tas-servizz m'ghamilx *due diligence* bis-serjetà tal-prodott li bieghu. Dwar l-*LMMPF* jirrizulta li qabel ma l-provditur tas-servizz investa flus l-ilmentaturi kienu digà hargu *Updates* pubblici fejn il-kumpanija qalet li l-fond kellu problemi b'likwidità u kien qed jiehu zmien itwal biex ihallas lill-investituri.

Ghalhekk il-provditur tas-servizz irriskja izzejjed bi flus haddiehor. Kif stabbilit dak iz-zmien fl-*Investment Services Rules for Investment Services Providers: Part B, Standard Licence Conditions (SLC)* mahrugin mill-*MFSA* u bbazati fuq id-Direttiva *MiFID, Licence Holder* bhall-provditur tas-servizz odjern kellu fuq kollox:

'*When providing Investment Services to clients, a Licence Holder shall act honestly, fairly and professionally in accordance with the best interests of its clients*……'[17]

Skont l-Artikolu 19(3)(c) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn ir-regolamenti m'ghandhomx biss sinifikat regolatorju izda huma wiehed mis-sorsi normattivi li jista' jqis l-Arbitru biex jara jekk l-ilment huwiex gust, ekwu u ragonevoli.

Mill-assjem tal-provi prodotti l-Arbitru m'ghandux ezitazzjoni jasal ghall-konkluzjoni li l-prodott mibjugh lill-ilmentaturi ma kienx addattat ghal-livell ta' riskju li riedu u setghu jiehdu fic-cirkostanzi partikolari li kienu fihom; u ma kellhomx l-esperjenza u t-taghrif mehtieg biex jifhmu r-riskji inerenti fil-prodott mibjugh lilhom u, ghalhekk, ma setghux jiehdu d-decizjoni libera li jinvestu fih.

---

[16] Ara *Investment services Rules for Investment Services Providers. Part B: Standard Licenece Conditions(SLC) SLC 2.13;2.16*

[17] *SLC 2.01*

Dan kollu iwassal ghal *investment misselling* tal-prodott mibjugh.

Barra minn hekk, l-ghoti tal-parir u l-bejgh taghhom ma kienx jilhaq *'l-aspettattivi ragonevoli u legittimi tal-konsumatur'*[18] b'referenza ghaz-zmien meta jkun qed isir l-investiment.

Dan kollu wassal ghal telf fl-investiment lill-ilmentaturi li, kemm jista' jkun u mhux b'mod preciz, ghandhom jitpoggew fis-sitwazzjoni li kienu fiha qabel ghamlu dan l-investiment.

**Ghal dawn ir-ragunijiet l-Arbitru jiddeciedi li l-ilment huwa wiehed gust, ekwu u ragonevoli u qed jilqghu sakemm dan huwa kompatibbli ma' din id-decizjoni.**

**Fuq il-hamest elef ewro investiti l-ilmentaturi dahhlu rikavat forma ta' interessi ta' €582.79, u ghalhekk baqalhom jiehdu s-somma ta' €4,417.21.**

**Ghaldaqstant, ai termini tal-Artikolu 263(c)(iv) tal-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Arbitru qed jordna lill-*All Invest Co. Ltd.* thallas lill-ilmentaturi s-somma ta' erbat elef, erba' mija u sbatax-il ewro u wiehed u ghoxrin centezmu.**

**Bl-imghax legali mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez legali huma ghall-provditur tas-servizz.**

**Dr Reno Borg**
**Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

[18] Kap. 555, Art. 19(3)(c)